


PERIODICU AGRICOLU-INDUSTRIALI
MINGHAIR PARTIT
MAHRUG MIN
The Chilean Nitrate Committee, 53, Strada San Vincenzo, Sliema, Malta.
Editur u Direttur Onorariu C. ZAMMIT MARMARÀ F.R.H.S.
Vol. I. No. 7.




Cull mita nigi biex nicteb l'euuel cliem tighi f'dan il periodicu, indur indur biex dejjem naka quasi fuk li stess suggett. Ghalchemm dan hu hecc, jen ma 'nħossnix li hemm bzonn niscusa ruħi gia la darba iggiaghluni inthom stess naka' fuk li stess ħagia.

Il Biedia reġghet kgheda ħazin chemm tista tcun. Ghall'inkas milli nara b'ghainejja, u milli ħafna mincom tictbuli, jena ħasal biex nifhem illi ix-xoghol tar-raba m'ghadux bħal ma chien darba—xoghol ta ħafna klieħ ta flus! Din il crisi hemm ħafna ragiunijet li giebuha.

L'akua ħagia iżda hi in-nukkas ta ghakal da parti tal bdieua (teħduhiex mighi ghax ngheidilchom chif inhi) li ma iħarsux lejn ix-xoghol mil veru daul tighu. Is-success u il klieħ ta flus li igib mighu ix-xoghol tal biedia jiddependi min chif il biccia uieħed imexxigha, min chif uieħed jifhimgha. Bidui jista jakla il flus u jirnexxi fejn ieħor ma jghamel xejn! Il Bidui jenħtieġ illi jifhimgha. Biex tieħu prodott tajjeb mir-rabgha il-lum, jenħtieġ uisk actar min dac li chien hemm bzonn 20 sena hilu! Jecc inti din ma tridx tifhimgha tghamel uisk tajjeb ghalic u ghal paijisec li titlak il biedia, u tfittex xi sengha (jecc hemm) li ma tridx ħsieb! Il Bidui mil banda l'oħra jenħtieġ li jitghallem japplica flusu fejn l'actar jirrendilu—inakkas li spejjes fejn m'hemmx bzonnom, u izidhom fejn jenħtieġ. Li tixtri ghodda ħziena ghax irħas, ma tissejjaħx economija. Min jifhem isib li dac li tcun iffrancajt tpattieħ uisk bl'icraħ fil prodott. Il Bexx bil mistura ghal cull mard jeu

insetti ghandec tieħdu bħala ħagia li ghanda issir u tghamila mita tinħtieġ. Tistenniex li il prodott juric l ghandu bzonn il bexx—dac iz-zmien icun tard uisk. Dan hu il cas fil marda tal patata. Fi qualunque deħera ta mard jeu attacc ta insetti, *"li tiħka min kabel hu uisk aħjar milli ticura."*

Sal-lum il bidui taghna chien uisk *conservattiv* fl'ideat tighu u ma ibaxxix rasu malair ghal metodi giodda li jigiu kuddiemu. Izda issa ħagia li jifhima cullħatt li xejn ma jimporta chemm icollu prattica, il bidui ta ghada jenħtieġ li japplica bil ghakal max-xoghol dac l'gherf li instab ghal gid tighu mix-xienza.

Jenħtieġ illi il bidui dac li jitghallem hu, jipprova jghallmu lil bidui sieħbu, ghaliex b'hecc id-dinja timxi il kuddiem. Chiecu cull min chien jaf ħagia zamma ghalieħ, chiecu illum fil bliet ghadna nixghalu il musbieħ!

Casi ghandi ħafna li nafhom personalment fejn bidui li juza IN-NITRAT TAS-SODA u jghamel success bieħ, jgheid lil sieħbu li m'hux tajjeb! Dan hu il mod li ngheinu il xulxin!

Hudu l'esempiu min ħafna bdieua bħalchom li dejjem iridu jghalmuchom dac li tghalmu huma, u li saħansitra jibghatu il chitba taħħom biex takraugha f'dan il periodicu—il periodicu taghcom,—bħal ma huma Giammari Mangion tal Mosta, Giuseppi Spiteri tas-Siggieui, Zarenu Sammut tas-Siggieui; Giusè Galea, ta Casal Caccia Ghaudex; Anġlu Falzon tan-Nadur, Ghaudex; Manuel Bonello tas-Siggieui, Paola Camilleri tas-Siggieui, u bosta bdieua li irridu uisk spaziu biex insemmuhom, izda li inthom collha tafuhom ghax isimhom già deher f'dan il periodicu. Chunu bdieua onesti, aħdmu u zommu ghainejchom miftuħa ghal dac li ix-xienza tghallimchom IL-LUM; u b'hecc—*u b'hecc biss*—tistghu tkajmu dakxejn il biedia, u xogholchom jirrendilcom dac il klieħ li hu tant meħtieġ ghal ghaixien tghacom u ta uliedchom.

---

## LI STAT TAL BIEDIA MALTIA

*Xi hagia li titlob* malair *l'attenzioni tal "Ministru tal Agricoltura".*

---

Bħal ma ghedna fil "Chelmtejn mill'-Editur" L'Agricoltura tal Gzejjer taghna marret lura uisk, u specialment f'daun l'aħħar sentejn il biedia marret hecc lura, li il bdieua taghna ma ighamlux hag'oħra ħlief iħarsu bil ħniena lejn dauc li b'xi mod jistau jghainughom biex jeħelsu xi ftit mid-difficulta li figha jinsabu. Chif ghedna fl'euuel articolu editoriali, il biccia il cbira ta dan, il bdieua stess jaħtu imma mil banda l'oħra dic m'hix raguni biz zejjed il ghala il biedia m'ghandiex tircievi ghianuna b'xi mod! Aħna ma hix l'idea tghana li nitħlu fil questioni collha ta din il materia, izda jinħtieg li minghair telf ta zmien il Gvern jeħu f'idejh is-situazioni u jistudia l'affari u'l marda mill'gherk collhu. Il Gvern jista japponta comissioni *min bdieua stess* u xi oħrain li jigu in contatt mal bdieua fl'imchien ma rappresentanti tal *"Farmers' Union"* u'l Cappellani ta l'ictar irħula importanti biex jistudiau u jirrappurtau lil Gvern l'affari collha!

Uaħda mill'actar materji li ghanda teccupa moħħ il Gvern, hi il custioni tal kbiela. Bidui jeħu raba, generalment ghal 4 snin jeu 8 snin. Uara dan iz-zmien jech il bidui jitlak jeu jibghatuh, hu m'ghandu dritt xejn, ghal dac li icun ghamel!!! Hagia ħelua tas-seħ! Chif katt jista icun li Malta tiz-zejjen b'siġar? Jech il bidui ifittillu jippianta sigar, mita jaslu

biex jatu xi ftit frott, jitfaccia bidui jehor li jgholli fuku—u dac il povru Bidui icollu jeu johrog il barra u ihalli issodda li icun firex biex jghorkod fuka hattjehor jeu inchella ihallas kbiela izied ta dac li icun ghamel hu stess.

Mita din l'affari tigi irrangiata—u jinhtieg tigi irrangiata minghair telf ta zmien—il bidui allura icun actar fil-liberta biex ihauuel s ġar tal frott. Il kasam ta bejn raba' u jehor jista imbghad isir ucoll b'siġar specialment fejn hu pian, floc bhafna hitan tas-sejjeh li ma jatux hlief fastidiu u xoghol cull xitua. Nofs is-siġar ta dan il kassam imissiu bidui uiehed, il cumplament lill'jehor.

Nisperau li bisimghu li din il qustioni ta kbiela tar-raba kgheda tircievi l'attenzioni tal Ministru tal Agricoltura.

---

## L'INSETTI GHAD JOKTLU IL BNEDMIN BIL GIUH!!

*Guerra li fiha jenhtieġ ahna ucoll niehdu sehem!!*

---

Min cull parti tad-dinja, ricenti, ix-xienzati marru Ithaca (New York) biex jiffurmau metodi u armi giodda li bihom jistghu actar jiccumbattu l'invincibbili ghadu tal bniedem—l'insetti. Din il-lakgha chienet ir-Raba' Congress Internazionali tal Entomologia; u chienet mghamula mill'akua nies biex jidderigiu id-dinja collha fi Guerra li ma jista katt icollha armistiziu.

Scond ma jgheid uiehed mill'akua xienzati, Dr. L. O. Howard, li chien ghal 33 sena shah cap tal *Bureau* tal Entemologia ta li Stati Uniti,—"*din hi bidu ta ġlieda colossali; battalja siecta li tibka sejra sal meut bejn il bniedem u l'insetti, li min jirbah fiha jirbah id-dinja.*"

"*L'Insetti*", jgheid Dr. Howard, "*huma l'icbar rivali ta l'umanità biex min ideih jirbhu id-dinja. Huma kghed jghamlulna hsara il-lum, uisk actar milli katt ghamlu min chemm hila li bdiet ic-civilizzazioni.*" L'insetti ghedeuua taghna chibru uisk finnumru, u 'x-xorti chienet s'issa favur tahhom. Bi ftit trascuragini, jeu temp favorevoli malair joctru b'dannu cbir ghall'umanità.

Fis-Sajf tas-sena 1869, kam rieh ghal gharrieda u disgraziatament lakat f'rocna ta dar f'Medford (l'America) hu halla uraih bidu ta hsara tant cbira li ankas l'akua tempesta ma tghamlu. F'dic id-dar chien jgheix astronomu Francis jismu Trouvelot, li chien jghamel esperimenti b'farfett zgheir cannella li chien ked jipprova izeuueġ ma farfett tad-dudu tal harir, bl'idea li jipproduci dud tal harir li ma tmissomx il pesta. Min hogior ta tieka, ir-rieh tajjar fl'art caxxa zgheira li fiha chien hemm xi ftit tuzzani baid ta dac il farfett cannella. Ghalchemm fittex chemm felah u chemm setgha, Trouvelot irnexxielu biss isib nofs tuzzana min dac il baid li id-daks tieghu m'hux icbar min ponta ta labra. Il cumplament intilfu kalb it-taklib u il haxix li chien hemm taht it-tieka.

Ghal ghaxar snin shah kiesu ma chien giara xejn. F'salt uiehed miliuni ta dud tal farfett min dac li chellu Trouvelot dehru mal pajjis collhu. Huma chielu il uerak min zocc ghal zocc, u halleu sigiar imnezzgha mîl uara mil. Jecol tant id-dudu tal "*farfett zingaru*" (gypsy moth)—ghax hecc semmeuh—illi chiecu ragel chellu li stess aptit ta uiehed min dana id-dud, chiecu chien icun irid min tnejn sa tliet tunnellati ta ichel cull jum!.

Mal pajjis collhu compla jinxtered dac l'insett li origina min dauc il ftit tuzzani baid li chellu Trouvelot; u compla jirrovina is-sigiar collha. Uara 36 sena li ghamlu chemm setghu contra tighu, kghed nakrau rapport li jgheid li din is-sena chien actar numerus min kabel. Jinghad, li mill inkas 10,000 ragel, kghed jaħlu zmienhom jippruvau jekerdu dan l'insett jeu ghall'inkas ma iħalluħx joctor. Bil pompi kauuija kghedin itairu l'insetticida 80 pied jeu izied fl'aria kabel ma jinfirex; dan ix-xoghol kghed jghamluħ, barra mill'istess bdieua, nies li huma imkabda mil Gvern biex iduru il postijet infettati u jippruvau jekerduħ. 700,000 dollaru cull sena kighed jonfok il Gvern biex ma iħallix joctor dac l'insett terribili li 60 sena hilu gie mizruħ causa ta dac ir-rieħ.

Hecc ucoll diversi qualità ta insetti oħra kghedin jisueu lil bdieua tad-dinja miljuni ta liri fis-sena. Haun Malta aħna ucoll cull ma 'mmorru kghedin izidu il quantità u qualità ta diversi dud tal farfett u insetti li xejn inkas kighed ifakkar lil bidui Malti.

Daun l'insetti kghed jgheddu liddinja — u chemm hi seria din it-tehed-dida jurina ciar Dr. William Crocker, Direttur tal "*B*oyce Thompson Institute" to Yonkers, (Stati Uniti). F'inkas min 50 sena", jgheid hu, "li Stati Uniti ta l'America icollhom popolazioni ta 195 miljun, li ghalihom jinħtieġ zieda ta ichel ta 75 fil mija. Presentement kghedin nitilfu imħabba l'insetti ħmistax fil mija mill'ichel collhu li kghed nipproducu. L'Insetti ueħedhom kghedin jiclulna zeuġ biliuni dollori fis-sena. Dan ifisser li miliun ruħ kghed jaħdmu culljum biex jipprodu̇cu ichel bizzejjed ghal daun l'insetti,"

Jecc aħna, icompli jgheid Doctor Crocker, ma jirnexxilniex nirbħu din il guerra u nekirduhom, il bniedem jispiccia biex ma icollux x'jechol u imut bil giuħ !! Il Gvern ta li Stati Uniti jaf tajjeb b'dan il pericolu seriu li bieħ id-dinja tinsab imghedda. Zeuġ miliuni dollari huma imkgheda apposta ghal tfittxija u esperimenti min 400 xienzat tal "*Bureau of Entomology*". Somom cbar oħra kghedin jintefku biex jiccumbattu l'insetti permezz ta insetticidi ecc. Barra min dan, f'California biss, il bdieua jonfku 45,000,000 dollaru fis-sena contra daun l'insetti!

Ix-xienza bl'ghajnuna tal bdieua u tal gvern tispera li flaħħar tirbaħ. Jenħtieġ li il bdieua tad-dinja collha (anche Maltin) jghamlu dac collhu li jistghu contra daun l'insetti. Permezz ta ghodod taiba u misturi taiba aħna nibkghu niccumbattu sa chemm nirbħuhom!!!

## OPPORTUNITÀ.

GHAL BEIH. Radio Set, b'ħames valvi. Tisma bieħ li Stazioniiet collha ta l'Europa £20·

Loud Speaker ġdid "*Choralion*" £2-18-0.

Loud Speaker "*Philips*" uzat ftit xhur £3-0-0.

Tista tarahom jech tghamel appuntament, icteb lil F. M. c/o "IL BIDUI" Sda. S. Vincenzo, Sliema.

# IN-NITRAT TAS-SODA TAL CHILI.

Chelna inħallu, ghal mita icolna il uisgha, ittri fuk is-success li ghamel in-Nitrat tas-Soda tal-Chili. Il-lum il giurnata ftit jeu uisk jafuħ collha illi *In-Nitrat tasSoda hu meħtieg*, izda ftit huma li fehemu seuua x'inhu dan in-Nitrat. Bosta sempliciment ifissruħ bħala mistura biex issaħħan l'art.

In-Nitrat tas-Soda tal Chili m'hux ħag'oħra ħlief sustanza ghal prodotti. Sustanza li bigha cull ħaxixa tcun xi tcun, ghanda tati prodott icbar u bil cotra. Barra milli itic prodott 60 fil mija izied, u x'mindakkiet anchi ectar, *hu ilaħħak il prodott bicri.*

Aħseb ftit fejn soltu tieħu 100 tomna issa tieħu **160**; fejn soltu tieħu 100 kantar issa itic 160 kantar ! ! ! In-Nitrat tas-Soda, bħal ma bosta ghorrief jghaidu, ghandu itic min 25 sa 60 fil mija izied. *Izda dan m'hux colloх!* Bħal ma gia ghedna, in-Nitrat tas-Soda ilaħħak prodott bicri, u 'l bdieua jafu tajjeb x'ifisser prodott bicri. Prodott bicri ifisser FLUS IZIED. Barra milli itic prodott icbar *hu itic prodott bicri!!!* Xi trid izied ?!! Dan m'hux bizzejjed ! Barra milli itic prodott icbar, prodott bil cotra u prodott bicri, In-Nitrat tas-Soda tal-Chili, ( li il-lum l'ebda bidui tad-dinja ma jghokod minghairu) itic prodott b'saħtu. prodott li icun jiflaħ ghal mard uisk izied, naturalment, min prodott debboli.

Ejja nieħdu bħala esempiu ir-risultat li ħa is-Sur John Briffa M.B.E. Direttur tal ghalka Sperimentali f'Hat-tard, tas-"Società Economico-Agraria"

Fi prova id-direttur tal ghalka sperimentali tas-"Società Economico-Agraria" ghamel sieħ u nofs raba Patata minghair Nitrat u sieħ u nofs jeħor b'in-Nitrat tas-Soda u ir-risultat chien hecc: —

Fein chien minghair Nitrat tas-Soda ta 313 ir-Ratal Patata
" " B'in-Nitrat tas-Soda ta **541** " "

Jigifieri f'sieħ u nofs raba fejn usa in-Nitrat tas-Soda, it-tieħed **228 Ratal Patata izjed** milli ittieħed min fejn chien bla Nitrat ! ! 228 Ratal Patata izied f'sieħ-u-nofs raba ! Aħseb ftit chemm cont tieħu patata izjed inti, chiecu is-sena li ghaddiet uzait in-Nitrat tas-Soda ! M'hux dan biss, u chemm cont takla figha izied, m'hux biss taz-zieda fil pis, izda talli cont tlaħħaka bicri fis-suk !

Cliem zejjed m'hemmx ghalfejn ! M'hemmx ghalfein uieħed jghokod igib ħafna risultati ; l'isbaħ icun mita tipprova inti stess, *tara bghajneich u tmiss b'idejch.* M'hux biss tmiss il prodott, izda anchi tmiss il *klieħ izied li iddaħħal miz-zieda li itic in-Nitrat tas-Soda tal Chili!*

# VISITA LIL
# REAL SCUOLA DI VITICOLTURA E DI ENOLOGIA DI CONEGLIANO

### mill'Editur tal "IL BIDUI"

Uaħda mill'ectar industrij meħtieġa tal Italia, chienet, għada u tibka dejjem l'Agricultura, ma specialment il cultivazioni tad-duiali għall'Imbit.

F'bosta partijet tal Italia jinsabu schejjel biex jgħallmu lil bidui chemm il cultivazioni tad-duieli chif ucoll chif għandu jigi mgħasur u iccurat il għeneb biex jati l'aħjar imbit.

L'aħjar scola izda, li tispecializza fil Viticoltura u li figħa imorru jistudjau l'aħjar nies, hia li Scola tal Viticoltura u Enologia li tinsab f'Conegliano (Veneto).

Fit-13 ta Lugliu 1929 l'Editur tal Bidui chellu il piacir jgħamel visita lil din li Scola famusa. Is-Sur Carm Zammit Marmarà giè milkuħ mil uisk mgħaruf u bravu Prof. Dott. Cav. Giovanni Dalmasso, Direttur ta din li Scola u flimchien ma professuri oħra li jappartienu id-diversi stazionijet ta li scola, is-Sur Zammit Marmarà giè mdauuar u lilu geu ucoll imfissra ix-xogħol collhu li jgħamlu id-diversi stazionijet.



Dott. Prof. Cav. Giov. Dalmasso
Direttur ta li Scola.

Hu impossibbili fli spaziu zgħair li għanna f'dan il periodicu li uieħed ifisser il ġmiel, il cobor, l'utilità u'l mod li bieħ hi mizmuma din li scola. Izda aħna irridu ngħaidu chelmtejn fuk fuk, għaliex persuasi li il karrejja tagħna jinteressau ruħhom li icunu jafuħ.

Din il famusa Scola barra milli figħa isiru studi tal Viticoltura u Enologia, hi tgħain ucoll il progressi chemm tal Viticoltura chif ucoll tal Agricultura in Generali. Hi għanda ħafna raba ma duar li scola u fieħ isir studiu tfittxia u esperimenti fuk id-duieli u'l mard taħhom. Li scola tgħamel ucoll

conferenzi u toħrog cotba uisk meħtieġa, il biccia il cbira mictuba mil bravu Professur Dalmasso.

Jista uieħed jghaid liberament illi il Professur Dalmasso kieghed jghaddi ħaitu fi studiu continuu tal Viticoltura u ħsiebu biss biex jabbellixxi din is-sabieħa scola. Bl'energia tieghu irnexxielu jghamel li scola complita min collox, sahansitra figha museu li hu uisk utili u sabieħ.



Facciata ta li Scola.

Ghamel ucoll forma ta hanut (li tiegheu kghed ingibu ritratt) imsejjaħ minnu "*La Bottega del Vino Italiano*" collox modern izda mghamul stil antich: Hanut ta l'imbit antic, fejn uieħed chien imur jixrob xi katra filghaxia uara ix-xoghol. Il mobbli collha, li stil, tazzi ecc. ecc. collox maghmul apposta u ta ġmiel cbir.

L'Aula Magna li il ħitan taħħa mimlija b'pittura imprezzabbili, collha tal virtù tal imbit, il biccia il cbira meħuda min passaggi fis-Sacra Scrittura, tghaxxak bla dubiu lil min jidħol fiha.

Li Scola hi imzeina b'dac collhu li uieħed katt jista jigi bzonn fi studiu tajjeb u compit tal Agricoltura.



L'Aula Magna.

Li Scuola ghanda raba' cbir, bi quantità cbira ta duieli europei cultivati b'sistemi differenti, duieli Americani mghazula

mill'aħjar varietà li hemm fl'Italia chif ucoll fl'esteru, collezionijet ta duieli ibridi, chif ucoll quantità cbira ta siġar oħra tal frott.



Veduta generali tar-raba' ta li Scola, u'l post fejn isir il giobon ecc.

Hemm *Cantina Industriali* cbira ħafna fejn jinħazen l'imbit li jigi mghamul f'din li scola, u *cantina* oħra fejn figha isiru esperimenti u studiu.

Ta gmiel cbir huma il bakar ta razez differenti li jinsabu fli scola f'numru cbir. Huma mizmuma b'cura cbira u b'indafa li tati piacir lil min izurhom. Hemm ucoll quantità ta majjali. Department speciali isir fieħ il giobon. Department ieħor sabieħ u interessanti hu dac li fieħ jinzammu quantità ta ghodod tar-raba, chif ucol diversi macni ghal viticoltura. Hemm Laboratoriu tal Botanica u patologia tal ħxejlex, u gabinetti ta scienzi fisichi u naturali.

*Li Stazion Speciali tal Viticoltura* (li gie mgharuf ufficialment b'decriet Reali fid-29 ta Lugliu 1923) hù mghamul biex fieħ isir studiu cbir u esperimenti fuk it-trobbija tad-duieli, chif ucoll fuk chimica, fisiologia, mard ta daun il pianti u ħuejjeġ oħra li icun hemm bzonn fuk daun il materji.



Laboratoriu tal Chimica fejn jesercitau li Studenti.

Fil *Laboratoriu tal Chimica Agraria* issir Analisi Chimica ta cull ħagia li tinteressa l'Aricoltura.

*Ufficcio di Sorveglianza.* Dan l'officciu ghandu xoghol uisk importanti Hu irid jara illi il-ligijet collha li hemm contra it-taħuid jeŭ kerk fl'imbit u ziut jigiu applicati seuua.

L'*Osservatoriu tal Fitipatologia*, hu mghamul biex jara li it-tmexxia tal cummerc tal pianti u zrieraħ tmur seuua, chemm f'dac il pajjis chif ucoll ghall'esteru. Hemm ucoll fli Scola Osservatoriu Meteorologicu.

Din li scola hi mgharufa mad-dinja collha. Hi giet sviluppata mit-tmiem tal guerra l'haun taħt it-tregija u energija tal kalbieni, energicu u bravu Professur Giovanni Dalmasso. Li scola chienet quasi ghal collox imuakka mil'attacchi tal Austriaci fi zmien il guerra, li figha ħalleu ucoll ħajjithom bosta impiegati fli scola. Conegliano billi hu vicin ħafna ghall'Austria, chien ibbumbardiat continuament tul il guerra collha. Chif tidħol fl'intratata li scola, hemm irħama cbira ji fiha l'ismijet ta dauc collha li chellhom x'jaksmu ma l'iscola li mietu fil guerra.



Il Hanut ta l'Imbit Talian.
(*Bottega del Vino Italiano*)

Malli spiccia ix-xoghol necessariu ghat-tuakkif mil ġdid ta li Scola, il gvern rgha il bzonn li hemm, specialment f'post bħal dac, li jituakkaf stazion sperimentali tal viticoltura ma dic li scola. L'euuel gebla ta dan giet solennement imkgheda min Sua Eccellenza Raineri fil 10 ta Luglio 1921.

Jiddispiacina li mghanniex spaziu bizzejjed biex uieħed ifisser chif jixrak ix-xoghol collhu li taghmel din li scola tal Agricoltura, hu bizzejjed inghaidu li anchi professuri ta pajisi oħra cull tant jgħamlu visiti lill din li scola biex jarau ix-xoghol li isir hemm fid-duieli. Giurnata kabel mar l'editur tal Bidui hemm, uasal professur mibghout mil govern tal Argentina ghaliex scoppiatilhom hemm ucoll il misħuta *Filossera* li haun Malta nafuha bizzejjed.

Is-Sur Carm. Zammit Marmarà ma jistax ma iħosx ruħu uisk obbligat ghal gentilezza u cortesia li il Professur Dalmasso uergha leiħ f'din iz-ziara. Chif ucoll ghal pacenzia, li ħà hu u'l professuri l'oħra biex ifissru l'is-Sur Zammit Marmarà l'attività collha ta li scola. Il visita damet min filghodu cmieni sa chemm bedà jidlam.

## PATATA TA' MALTA GHAS-SUIEK TAL OLANDA

Ingibu din l'ittra ghat-tuissija u parir tal bdieua.

Minn Rotterdam,
Lill-Editur tad-*Daily Malta Chronicle*.

Sinjur,

Hija b'ghokla cbira, u mgieghel biss minn xi circostanzi, li jena, se'nitolboc ftit tal uisa' fil-gazzetta tieghec sabiex nithaddet fuk haġa li ggiblec hniena. Dil-haġa, ghalchemm, hija ta' siui cbir u mill'ictar, seu ghal dac li hu tnissil u prodott ta' uahda mill'ghelejjel cbar tal-Gżira taghcom, u li ghandha x'taksam mal-esportazzjoni li thalli l-kligh, chemm ucoll bhala oggett li kieghed jinbaghat u jidhol f'Rotterdam (fl'artijiet tal-Olanda),— l'icbar suk li jinsab fl'art tal Europa. Dil haġa, chif irrid infisser ruhi, hija il Patata ta Malta. Minn bosta snin l'haun dana l-pajjiż chien jigi ipprovdut min-nofs Jannar san-nofs ta Gunju b'xorta u ghamliet ta' patata mill'ahjar u l'ictar stmata u li sas sena 1925 chienet ictar dejjem inghògbot ghall'ahhar min-nies li chellhom x'jaksmu fin-negozju taghha. Sa dic il habta, il patata ta' Malta dejjem chienu jistenneuha tasal cull sena bhala frott, milli jidher, l'ictar bnin. Dauna chienu żminijiet mita l'bidui Malti chien ikis u jindocra seuua l'interessi tieghu billi ta' cull sena chien jordna mill'Irlanda żerriegha ta' patata safja u m'hux ihares u imil lejn ir-rohs tal haġa minnghajr ma jkis il qualità baxxa tal-frott li jixtri. Sa haun ix-xerrej malti chien miexi bil ghakal collu u scond ma titlob is sengha tal-cummerċ.

Ma dan collu, iż-żminijiet tbiddlu u il prodott u il-cummerċ ta dana l'oggett tbiddlu maghhom. Minn tliet snin il haun dan il prodott uakà ghal collox ghal dic li hì ghamla tajba u prezz li sata' jgib,— u minn dac li deher dan l'ahhar fl'imhazen tal bejgh,— minn dan l'oggett li kabel chien stmat u mfittex m'hux ftit, ma bakax hlief id-dell tieghu. Fis-snin ta' kabel, il-crietel ta' Malta, li chienu maghrufa hafna, icun fihom ictarx minn dejjem patata imdakksa, ippacchjata seuua, patata mhaula fil-hamri, sabiha u bil-katgha safra,— u dan chien icun oggett maghżul u mill'ahjar. Il patata tax-xitua li uaslet dis-sena chienet irkika hafna, lahamha bajdani, imhaula fl-bajjad.

Ma nistaghgeb xejn chif mita n'negużjant Malti gie biex joffri dana l'irmixc fis-suiek ta' pajjiżna l'isem sabih li chellha dil patata chellu jonkos bil bosta. Ara chemm hu hecc, is-suiek taghna il-lum jinsabu neksin mil-Patata ta' Malta li biha jistghu jfornu l'ahjar nies tal-pajjiż. Taghha il-lum uiehed jista' jgib prezz tajjeb, imma nbaghad jinhtieġ li il frott icun ta' xorta, ghamla u ghażla tajba chif iridha ix-xerrej.

Jiena ctibt din l'ittra bil hsieb li dina sservi tas-seu bhala tuissija lin-nies li ghandhom x'jaksmu fin-negozju taghha u sabiex daun ifittxu jiehdu hsieb ibiddlu il mod li bih keghdin jimxu. Jiena xtakt nati parir lil min jahdem dan il prodott sabiex jaghmel cundizzjonijiet b'regolamenti ebsin fuk il ghażla taż-żerriegha tajba li ghandha tingieb ghall'Malta Ghandu icun hemm Cumitat b'setgha li jiekaf u jmexxi hu fuk ix-xorta taż-żerriegha tal patata li tidhol Malta, chif ucoll li jati id-daul scond ma titlob is-sengha fuk il ghażla ta' l'art li hi l'ictar xierka ghaż-żrigh u tnissil tal patata. Barra minn dana xtakt ucoll inuissi lil dauc in-negozjanti li isiefru dan il prodott ta' Maltu sabiex iżommu ghajnejhom miftuha fuk il ghażla u l'imballar tal-mercanzija li jibaghtu barra. M'ghandhomx ihallu li titghabba ghal barra hlief patata li tcun lahket seuua u li ma tcunx marida,— patata mdakksa u nadifa.

Barra minn dan, il-crietel użati ghat-taghbija u ġarr tal patata ghandhom icunu tal fagu. Milli jidher fit-taghbijiet tas-snin ta' kabel, il crietel collha li icunu magh mulin minn injam iehor li mhux tal-fagu, jaslu spiss fi stat hecc imgharrak li nistghu nghidu li l'ispiża tat-tisuijiet li jcollhom isiru fihom hija acbar mill'prezz li uiehed icollu jonfok biex daun il crietel jaghmilhom b'injam tal-fagu.

Collox fuk collox narau illi il-lum kabel ghada jahtieġ tasseu li dauc l-ixirca ta' nies li ghandhom sehem fil prodott, fil cummerċ u fl'esportazjoni tal Patata ta' Malta ghandhom jinghakdu u ihabircu biex jerġghu jerfghu il gieh ta' dan il prodott,— u dana billi jerġghu jahdmu dan il prodott u jimxu bhal kabel.

Sabiex dan il prodott jarġa' jigi ghalli chien u jgib flusu jahtieġ li jittiehdu mezzi mill'ictar fis u chif jixrak.

(ft.) J. A. STOKDYK SR.
tad-ditta J, A. Stokdyk & Co
Importaturi tal-Patata
u tal-Basal.

---

## Il Kaddis Bidui
## SANT'ISIDORU

Il hajja tighu fi ftit cliem, migiuba mill Can. Dun Vincenz Vella A. T., S. T.B., *Id-dedicata lis-Sur C. Zammit Marmarà* Direttur ta dan il mehtieġ kari "il Bidui"

(l'ahhar biċċa)

Missier u Omm chienu jinsabu uisk afflitti u imbicchija ghaliex tilfu l'ictar consolazzjoni tahhom, tfajjel helu u unicu li chellom. Xein ma serviet il cura li ghamlulu ghaliex il minġel tal meut hasdu fil fiur tal giuventu tighu. Colla imbicchija marru iuassluh sal kabar. Imuasslin fil hin li sejrin jatuh l'ahhar beusa fuk dac il uiċċ chiesah tighu sabiex ma jarauhx izjed. Eccu li jidrilhom: Sant Isidoru li mahhom tkaddes u kallom "Ghaliex ma tlabtux lili, jena pront biex naklalcom min ghand Alla, il hajja ta dan il mahbub Iben taghcom," u fil uakt jarfa idu, ibiercu u it-tfajjel ikum kauui u shieh jicconsla il genituri tighu, li daun ghaxjin bil ferh, intefghu gharcupteihom jiżżihajr lil dac il cbir benefattur tahhom. Il poplu collu li chien miġmuh ma duar dauc il genituri, bakgha mistghageb b'dan il miraclu u cullhadd beda ighajjat "Viva Sant'Isidoriu'.

Ermanno Dominequez, ragel tax-xoghol, hin bla uakt marid u fl stess hin ghama min ghaineih it-tnein. Collu imdejjak u flimchien mal famiglia imbicchi, marru jitolbu fuk il kabar ta Sant'Isidoru. Dan il missier hanin sama it-talb tahhom u ragia tah id-daul f'ghaineih bhal kabel, u anzi quasi ahjar min ta kabel, chellu donnu żeuġ chuicheb. Ghal dan il miraclu cullhadd stagħġeb, u dan Ermannu sabiex jati xhieda ta imhabbtu lejh u iżżihair min dac collu li ghamel mighu ta pranzu lil fokra ad unur minn tighu u ingiabru min cull xorta ta fokra. Issa Sant'Isidoru ma hux biss li hu cuntent b'dan collu, imma ucoll ried jghamel miraclu icbar, bhal ma ghamel Sidna Gesù Cristu, meta chien jinsab fiddesert, l'ichel, il hobs u ix-xorb li chien hemm fuk il meida, uara li chielu. Xebghu hadu mahhom u chien baka actar milli chien hemm kabel. Ermanno mistaġeb b'dan il miraclu irracconta collox lill dauc il mistednin, u daun b'vuci uahda u b'kalb uahda irringraziau lill dan il Kaddis Bidui u nisslu ġeuua klubhom devozioni l'actar cbira lejh, ghaliex rau li hu tasseu il missier tal fokra.

Imseichen midneb chien jinsab, u dan imhabba fid dnubiet li chien ghamel gie invasat mid-demonji. Mistrieh ma chellu katt, gio l'infern min din id-dinja. Sama' bl'ghegiubijet ta dan il Kaddis Bidui ghalech mar bosta drabi fuk kabru jitolbu li jehilsu min daun id-demonji li it-turmentauh. Uara tant talb Isidoru chellu hniena minnu u kalalu il grazzia mixtieka.

Il gisem ta dana il kaddis Bidui, ghadu donnu ta uiehed haj u minnhu hierġa fuieha tal Genna. Dan biss hu biżżejjed sabiex jghein il kdusija tighu.

Ir-Regina ta Spanja Donna Giovanna, mart is-Sultan D. Enricu II giet sabiex tghamel żiara lil gisem imkaddes ta Isodoru gibet rigali l'actar prezziusi ghallec riedet tiehu mahha reliquia, kabdet biccia minn drighu, sabiex tehoda mahha. Imma malair hassa hazin tant kauui li donna chienet uaslet ghal meut. Allura raw bicciar li Sant Isidoru ma ridx li gismu intifes. Malli reġghet raddet id-drieh, reġghet giet bhal kabel kauuija u shieha.

Li stess giara lill uahda dama nobbli tar-Regina Isabella. Dari ghal cbira devo-

zioni li chella versu lejh, uara li b kima, cbira żaritu gibditlu sabgha min sieku. Imma malair Isidoru zamma iebsa, la setghet tmur l'hemm u l'ankas l'haun. Malli kghedet is-sabgha mnejn haditu harget il barra kauuija u shieha.

Jecc irrid ngheid il miracoli colla li saru min dan il kaddis Bidui sgur li katt ma nispiccia, biss ngheid dac li Gesù Cristu kal lid-dixxipoli ta San Giuan il Battista.

"L'ghomia jarau, it-truxi jisimghu, iz-zopop jimxu, il morda ifieku, il mejtin jir-xoxtau, u cull xorta ta mard ifieku minnhu". L'euuel cull min resak lejn il kabar ta Isidoru kalghu is-sahha, ghaliex minnhu tohroġ virtu' li is-sahhah il cullhadd 'virtus ex illo exibat et sanabat omnes."

Jum ta ferh u ta hena chienet il giurnata 2 ta Marzu 1622 li fiha il Papa Gregoriu XV. talla fuk l'artali il cbir Patrun taghna S. Isidoru. X'gloria, x'unur chemmu cbir chien ghal dan il-Kaddis, mita bniedem tant umili, bidui, chellu icun is-Santificat flim-chien mal cbir fundatur tal Gesuiti S. Ignaziu, mal cbira Dutteressa S. Teresa u mal cbir Appostolu San Frangiscu Saveriu Verament li Alla Jesalta l'umili. Isidoru bhala uarda tal violi uarda lactar cchejna resak ghakkat il curuna ta lizbah fiuri u chif il viola bil fuhha tahha ghalchemm cchejena tinxtam min cullemchien ech ucoll kdusitu chienet u hi l'ghageb ta culhad.

Allura id-devozioni tighu actar chibret, il popoli colla bdeu jirricorru leih, u culhat jakla min ghandu dauc il grazzi collha li icollhu bzon, b'mod speciali il Bdieua. Im-mella lilcom b'mod speciali il Bdieua neit, jirricorru Leih fil bzonijet taghcom, u issi-buh il veru missier hanin maghcom. Imma kabel xejn hemm bzon li intom timtitau il virtu' tighu tgheixu bhala umili haddiema it-tghama taghcom dejjem f'Alla, bhalma chin dan il Kaddis Patrun taghcom. Ficciu immela ix-xerrdu il kima tighu fostcom haddiema tar-raba, imbghat tarau chem ghainuna icolcom fix-xoghol kauui u ibes taghcom, u chif il Barca t'Alla tinxteret fukchom, ir-raba taghcom, u ghal cull Kamha tihdu elf. imbghad il gloria tal genna.

TMIEM.

"EXPORTATION-IMPORTATION"



REVUE MONDIALE

CUMMERC
INDUSTRIA
AGRIGOLTURA.

10, Rue Saint-Roch, 10
PARIS. (1er)

Domandi min ghand neguzianti ippublicati f'dan il giurnal b'xejn.
Informazionijet jigiu moghtija ta Fattorji Francisi.

L'ufficciu u in-nies taghna jigiu mkgheda ghad-disposizioni ta dauc in-negozianti li izuru Franza u natu cull assistenza mehtiega.

Cull hargia tal giurnal "Exportation-Importation" figha informazionijet importanti fuk huejjeġ li jintghamlu fi Franza.

Sottoscrizioni ghal sena (12 in-numru 80 franc).

**Copja campiun tintbghad lilech b'xejn**
(Semmi IL BIDUI meta ticbilna).




Nirringrazziau lis-Sur Fons. M. Galea ghaz-zeuġ cotba sbieħ li bghatilna. *Il Ctieb ta li Imħallfin* miġiub bil Malti u mfisser fil kasir ; ghandu jinsab f'idejn culħatt. Sa fejn nafu hu uieħed mill'ekdem tal Bibbia, u barra milli fieħ bosta tghalim, mictub b'mod li ghandu jati piacir lil min jakraħ. Il ctieb l'jeħor hu *Ctieb il-Ghana ta David* fieħ 288 pagina u stampat fuk carta taiba, jimbieħ xelin biss fil-libreria Muscat ta Sda. Mercanti. B'daun il cotba li dan l'aħħar ħareġ is-Sur Fons. Galea uera tas-seu li mil bidu sa l'aħħar il ħajja tiegheu iddedica ghat-tixrid ta kari mill'aħjar u ta taghlim. L'ebda cliem ma icuu biz-zejjed biex juri chemm huma meħtiega daun il cotba, u culħatt-cull Malti ghandu jixtrihom. Nisperau li Alla jati il ghomor lis-sur Fons ħalli icompli izejjen il Catina tal cotba li continuament kghed joħroġ ghal gid tal Maltin.

* * *

Nirringrazziau ucoll lil Inginier Attilio Pizzuto ta l'euuel ctieb tiegheu bil Malti "*Tghalim Ħafif fuk L'Elettricità*" Nies min din il qualità Malta ghanda isselmilhom bil kima ghaliex juru illi iz-zmien taħħom jaħluħ ghal gid ta pajjsihom. Is-sur Pizzuto hilu min zmien tuil jeħu interess biex jghallem lil Maltin diversi huejjeg duar l'Elettricità (l'actar xienza moderna) u haun ħafna li sabu impieghi taiba bil ghainuna tat-tghalim tiegheu Il prezz ta dan il ctieb hu 1s. 3d li jinxtara mil Libreria Muscat Sda. Mercanti. Natu prosit lis-Sur Pizzuto u nisperau li f'kasir zmien jurina xoghol jeħor min tiegheu.

* * *

Bosta stakseuna duar l'avvis li deher fi'aħħar numru tal "Il Bidui" tas-"Sun Life of Candaa" Dic il Cumpania ghanda ufficciu f'Malta chif ucoll f'Ghaudex. Is-Sur Robert Formosa li jghokod Sda. S. Giovanni Battista No. 45, Sliema, jghati bil kalb collha informazioni lil dauc li jixtieku jassigurau ruħħom. Morru ghandu jeu ictbulu u jigi ghandcom hu stess.

* * *

Min sitt premijet fuk il kamħ li intghatau nhar l'imnaria fil "Uiria tal Buschett" ħamsa ittiehdu min Francisch Grech ta Ħanxiul, mir-Rabat ghal kamħ li demmel bin-Nitrat tas-Soda.

* * *

Il Ħajja tal Kaddis Bidui San Isidoru tispiccia f'dan in-numru. Il Ħabib taghna Can. Dun. V. Vella, jixtiek li joħrog din il Ħajja fi ctieb zgheir u jixtiek jaf chemm hemm mil karrejja taghna li jissieħbu figha. Aħna nisperau li il karrejja tghana jissieħbu figha collha. L'Idirizz ta Dun Vicenz hu 172 Via Boschetto Rabato Malta, hu dauc li iridu jissieħbu jistghu jictbu lilu jeu imorru ghandu.

* * *

Ringrazziament. Nirringrazziau b'kalbna collha lil Cappillani collha ta Malta u Ghaudex chif

ucoll diversi persuni oħra, ta l'ittri sbieħ li bghatulna fuk il gid li kghed jghamel il periodicu taghna f'ċaun il gzejjer.

*
* *

Ngharrfu lil ħbieb taghna chemm bdieua u delettanti li ghogiobhom jistiednu lid-Direttur (Is-Sur C. Zammit Marmarà) biex izur ir-raba' jeu gionna taħħom li hu kghed jeħu notament taħħom collha, u jispera li ma idumx ma jissodisfa lil ħbieb tighu li ghadu ma marx ghandhom.

*
* *

Irceveina bosta ittri sbieħ duar l'uzu tan-Nitrat tas-Soda tal Chili li taħħom nirringraziau lil min bghathom. Jiddispiacina ħafna li, chemm ċauc li jitħattu fuk ir-risultati sbieħ mill'usu tan-Nitrat chif ucoll oħrain li jitħattu fuk affarijet oħra, ma jistghux jigiu ippublicati fuk dan il Periodicu jecc ma icunx fihom l'isem u l'indirizz ta min bghathom.

Nitolbu lil karrejja taghna jghamlu attenzioni particulari li jiffermau l'ittri collha li jibghatulna. Hafna mill'ittri jaslulna minghair isem, il biccia il cbira jitolbu copia tal "Bidui;" daun, m'ghandniex xi ngheidu jeħduha contra taghna li ma nibghatulhomx dac li talbu, xejn ma jaħsbu li chienet tcun ix-xeuka taghna li nissodisfauhom chiecu conna nistghu ninduvnau min ghand min jigiu daun l'ittri! *Kabel tghalak l'ittra cun sgur li ghamilt ismec, cunjomoc u fejn tokghod.*

*
* *

Chelna piacir narau it-tractors ta Fordsons li giebet id-ditta Gasan, (tal-Lubjana) ta Sda. Reale, il Belt. Daun it-tractors deħlin ġmielhom fl'uzu, u ħagia naturali, m'hemmx ragiuni ghala m'ghandomx jidħlu meta bihom tghamel xoghol uisk tajjeb u tiffranca *zmien u flus*! Is-Sur Gasan jinsab pront biex juri tractor jaħdem lil min jinteressa ruħu!

---

## In-Nitrat tas-Soda tal Chili u il Prodotti tal Kmuħ.

—:o:—

L'Uzu tan-Nitrat tas-Soda fl'Agricultura il-lum il giurnata jinsab irriccmandat mill'akua xienzati tad-dinja collha. Mindu sabu illi il Jodiu jenħtieġ ħafna chemm ghal bniedem, ghall'animali chif ucoll ghal pianti, in-Nitrat tas-Soda sar actar popolari ghaliex fieħ ucoll parti zgheira ta jodiu li hi uisk meħtieġa bħal ma gia ghedna, u bħal ma ghad nuru il kuddiem f'ħargia oħra tal "Bidui".

Izda barra min dan, il chimica sabet xi ħagia uisk importanti duar l'uzu tan-Nitrat tas-Soda. Fis-sabieħ periodicu "*The Industrial Chemist*" li joħroġ cull xahar, fl'articolu "*Studies in Cereal Chemistry*" insibu ir-risultati li ħadu uara studji cbar fuk il chimica tal kmuħ.

S'issa gia deheru ħames articoli fuk dan is-suġġett li beda fil ħargia ta Marzu, mictub mil *Cap Spiziar T. H. Fairbrother*, M. Sc., *F.I.C.*, etc. u fihom uera chemm hu meħtieġ in-Nitrat tas-Soda, li *barra milli jati prodott akua* IL KAMH ICUN ITJEB, U JATI TKIEK UISK AHJAR U ACTAR SUSTANZIUS.

---

# DARBA CHIEN HEMM TLIET BDIEUA......

Darba chien hemm tliet bdieua Bidui A, Bidui B, u Bidui C.

**Bidui "A"**, chien iħobb jitghallem ħafna fuk il biedia. Chien jakra cull chitba li toħrog fuk il cultivazioni tar-raba', izda chien trascurat L'affarijet tighu iħallihom mill-lum ghal ghada, min ghada ghal pitghada u dejjem jibda ix-xoghol, (b'ħal m'hu il bexx ghal marda tal patata,) uara iz-zmien li imissu. B'hecc il marda jeu l'insett joctor, u il bexx icun tard uisk.

**Bidui "B"**, chien actar ghakli. Hu chien jghamel bħal Bidui A, riguard kari ta cotba, u chien ifittex li jitghallem chemm jista. Dan chien jghamel collox fil uakt, u jilka il mard anchi kabel jitfaccia, *izda chien xhieħ*. Mita jigi ghax-xiri tal ghodod tar-raba' chien ifittex l'orħos, u'l mistura tal bexx, chien ifittex dejjem l'irħis.

**Bidui "C"**, chien actar ghakli mit-tnejn l'oħra. Barra milli chien ifittex li jitghallem, chien jghamel collox f'uaktu. Mita jigi ghax-xiri tal ghodod tar-raba chien ifittex qualità tajba. Hu xtara pompa tal bexx tal marca "**IRON ARM**" ghax daun huma pompi famusi, mghamula mill'akua dar ta ingienieri Inglisi LI JIFMHU FIL BIEDIA. Daun il pompi huma ta qualità uisk superiuri u uisk economici fl'uzu; bighom *tbiddel ir-rekka tal bexx u ghall liema naħħa trid int.* Din hi il pompa li cull bidui ghakli ghandu icollu!

# UASAL IZ-ZMIEN TAL GIABRA;

**Bidui "A"**, sab prodott irkiek u marid u ma jisua xejn.

**Bidui "B"**, chellu prodott ftit aħjar, imma billi il pompa tal bexx li chellu ma chinitx pompa mghamula chif titlob iz-xienza, il bexx ma jolkotc il uerak seuua; b'hecc il marda kabdet xi dakxejn u'l prodott ma giex chif imissu. Hu tilef kafna flus u beinu u bejn ruħu kal "**SEUUA JGHAIDU LI L'IRHIS GHALI**".

**Bidui "C"**, Chien minfuħ uisk bieħ in-nifsu, u chellu elf ragiun! Ir-raħal collhu itieħ il prosit! Ha giabra ta patata li ma chienx hemm bħala! Hu kala ħafna flus u stghana. Il flus li nefak izjed fil ghodda giebhom mil klieħ li kala izjed l'euuel sena. Cullħatt chien jgheir ghalieħ, u ma culħatt chien mizmum bħala l'aħjar bidui tar-raħal tighu.

Int ucoll tista tcun bidui stmat, bidui bil ghakal. Ftacar dejjem li l'akua pompi tal bexx huma tal marca Inglisa

"IRON ARM"

pompi mghamula scond ix-xienza li titlob il biedia, u m'hux mghamula ta cafcaf biex jinbighu b'irhis; biex tbieħħ b'irħis trid tuza material ħazin. Il pompi ta bexx tal marca "**IRON ARM**" huma mghamula mill'ifjen ram, li ghandu iservic ghomroc collhu.

Mur gharahom u ghara chif jaħdmu ghand:

**G. M. BUGEJA & Co., 25 Sda. Forni, Valletta—MALTA.**

**F. MASINI, 88 Sda. Malsaforno, GHAUDEX.**




*Chif jahsiba Gian Maria Mangion tal Mosta.*

Sur Editur,

Il gżejjer tghana, żghar chemm huma żghar jatu l-kamħ taħhom. Il bdieuua jżommu ghal ghejxien u jbieghu li icun żejjed, lil ħuthom pajżani. Il kamħ, safi chemm hua safi; irid jinħasel u itnakka min dac iż-żrar u tub irkiek li icun hemm mighu; minn xi ghabra li tintghamel minnu n-nifsu, u biex isir dan ix-xogħol m'hemmx bzonn ta bosta ghodod, iżda ftit tal ħapta.

Haut jeu mastella; gharbiel tax-xghar jeu ħajt tal metall, landa jeu barmil li huma l'ghodda colla. Fil ħaut uieħed ghandu jixħet katra ilma ġmiela li icun hemm fein jghoum tajjeb il gharbiel; imbghad, il uieħed jakbad il gharbiel f'idu u l'ieħor bil-landa mimlija bil kamħ biex iċarċru fil gharbiel. Il ħassiel ghandu iżomm l'gharbiel taħt uiċċ l'ilma b'ideiħ miftuħa uaħda cull naħa, u fil uakt li jibda iċarċar, jibda iħaddem ideiħ billi iniżżel chemm xejn il uaħda u itala nitfa lill'oħra; jafas ftit l'gharbiel il ġemb ta sidru fil uakt li l-gemb lieħor jitla, b'mod li il kamħ fil gharbiel jibda idur maċċircu.

Dan ix-xogħol ghandu icun miexi ħelu ħelu u jitlob li isir chemm xejn bil scossi biex l'ilma jidħol fil gharbiel minn taħt ftit bill forza biex jarfa il kamħ u jitfghu barra, u fil gharbiel jibka dak iż-żrar, iżda l-ħassiel uakt li idauuar il gharbiel katt ma ghandu iressak ideiħ il inchien, ghandu iżommhom fissi biex dac iż-żrar li jirtafa bill forza ta l'ilma (billi tkil iżjed mill kamħ) jaka fejn chien.

Meta uieħed jara li il ħaut intela u ma jistax ighauuem lil gharbiel, jitlak dac ix-xgoħol u jarfa b'idejħ in-naqal li icun fil uiċċ; imbghad jarfa il kamħ f'koffa li tcun maħduma fin u ipoġġija fuk il ħaut fuk żeuġ ghoudiet, u jitfghala fuka l'ilma safi u iħares minn taħt sa jara li l'ilma ma ghadux nieżel imdardar; imbghad nara li toktor jeħoda ghal inxif.

Billi f'Malta m'ghandniex mnejn inħarbtu, ma duar il maħsel ghandna nifirxu xi ħagia biex jingiabar it tixrid. Cull darba li uieħed jekaf mill ħasil ghandu jara jecc l'gharbiel tghabbiex biż-żrar, u billi icun hemm il kamħ mieghu ghandu jitneħħa biex jirtema iż-żrar, ghalecc sabiex teħles minnu, miss id-drapp tal gharbiel ma l'ilma u igbdu lejc u erfghu min-naħa tighec, sachemm jingabar fil gemb ta barra; imbghad, niżżel chemm xejn bis-salt dac il gemb ġo l'ilma u daħħal malair idec fil gharbiel u ghaddi subajc miftuħa minn fuku minghajr ma tmiss mieghu, u ergia ghamel dan sachem tiġbor il kamħiet gozz ghalihom, u iż-żrar jeu tiġbru b'idec u titfghu barra inchella ghamlu gozz, u dauuar il gharbiel u kighed idec il-leminija bein il gzuz (jecc tcun lemin) u scossia l-barra il gozz taż-żrar. Il kamħ mela xhin jinħasel jittieħed f'xi post li ma jistax jitcasbar, u hemm jitferrex ghax-xemx, cultant taħuida u jitħalla sa jinxef sewwa. In-naqal li jintrafa ghandu jitpoggia f'xi ħagia sa jitlesta ix-xogħol collu u flimchien mat-tixrid ta ma duar il maħsel jitpoġġa f'post ieħor xemxi u xhin jinxef jisua b'ghalf ghat-tigieġ.

GIO MARIA MANGION
No. 36 Strada S. Giovanni Musta.

* * *

*Dac li hu u dac li mhux.*

Sur Editur,

Min krani fil chitba ta kabel din, nisthajlu jistenna ġrajja ta chif ħarget il prova tieghi li cont mort ghamilt ghand Peppi tir-raba' tieghi tal Imghieret fuk il Uied ta Ras-Ħanżir.

Giara li l'ghada ghamlet xita kauuija li giarret il ħamrija bis-sustanza li fiha cont ghamilt, u ghalhecc tlifna il kaleb u il ġbejna! Mill banda l'oħra, il Bidui malti, ma nisthix inghidu, li *m'aħniex*! Uara xi xhar cont mort inżur

dac li ghamilt, sejjaht lill Peppi mal erba' ti-rjeħ tal ghelieki u ħadd ma uiegeb, Imbghat dhalt jen biex nara. Insib il patata maklugha bla ma tħalleu dauc l'erba tal prova li cont sakkejt, biex nara x'giara uara li jen cont tait innitrat! Insib il gidra bla uerak u quasi bla frieghi: collha meculin bid-dudu dac l'isir farfett, il basal imchisser u mghaffeg u ħaxix salvaġġ addoċċ! X'imsejcna cultivazzoni maltija! Uħħ, chemm hu kalil ix-xoghol biex iddeftes f'ras il bidui malti.

Għadni nara il Peppi, jaħasra, f'xemx tisreg, takli 'l gebel, jakleb biz-zappun, jati id-demel u jaghmel il banchi, biex imbghad is-sustanza (jecc katt jista icun fih sustanza) ta dic il qualità ta demel (cioè ċraret, tiben, ħaxix niexef, trab isued ecc.) keghda tittieħed mil ħaxix ħażin floc mill prodotti! M'aħniex!— L'euuel f'xemx tisreg, taghżak, takleb, iddemmel tonfok flusec f'dan id-demel, u kbiela, u taktieħ il kalb ghal ħsara u x'naf jen, biex imbghad uara li ma taghmilx chif iuissuc icolloc ftit gidra, tħalliha bla ma iddurha biex tnakkiha mid-dud, li dan iddud ghan-nukkas tighec jicolloc collox! M'aħniex!

Ili ingħergħer bil fomm u bil chitba tul ta żmien u ingħergħer ucoll kighed fi ctieb żgheir xoghol tighi li ghadu ma rax id-daul, li semmeitu "Il Ħxejjex Salvaggi Maltin", li kisu Diziunariu bil Malti, Latin, Inglis, Talian ghal ħxejjex, fein fih, bejn uieħed u iħor nghid li il Bidui Malti katt fli moghddi ma chellu il min seuua ghallmu fuk il cultura tarraba; u mn'Alla li issa beda jara huejjeġ serji fuk din is-sengha mindu beda joħroġ dan l'imbierec ta "Bidui".

Meta il bidui taghna jilħak fit-teorija u'l prattica tal cultura agricola lill bidui American jeu Australian?

X'differenza tghaddi ghal *ħsieb* tal cultura bejn il bidui malti ghal bidui taż-żeuġ ċbar pajiżi fuk imsemmija! Bil chelma *ħsieb* irrid infisser *sengha* u *taghlim*, u mhux cumdità u cobor ta art, ghaliex x'uħud iueġbuc "x'ghandom x'jaksmu l'America u l'Australia ħdein iċ-ċchejcna Malta? L'America u l'Australia ghall cobor taġħħom jitolbu il macni, imma f'Malta ma tistax tuża macni" bla jistghu jicconsidrau li il kartalla hija bil ghamla tal bixchilla!

U le! mhux dan hua il pont! Jen irrid inghid fil ħila, fit-taghlim, fil ħsieb li uieħed jeħu biex jitghallem! Il Malti, tgheidlu chemm tgheidlu ma iridx jisma igheidlec li hecc chien jaghmel in-nannu ighidlec li il gid Alla jibghatu, u mitt fettuka oħra. Tajjeb, dan nafuh, imma Alla ighidlec "Għin ruħec biex jen ingħinec". Alla l'imbierec m'hux sejjer igiblec il ħobż taħt ħalkec jecc int ma tiżrax kamħ, ghaliex uara li il bniedem dineb fl'Eden, Alla kallu li mil-lum il kuddiem hemm bżonn li jaħdem l'art biex jecol.

Il Bidui tal art imdaula jistudia chif f'din is-sena jaghmel uiċċ ir-raba aħajr minn snin oħra; jistudia il ħamrija, jistudia x'fiha gio fiha, jistudia chif jaħdima aħjar, jistudia ghaliex trodd u ghaliex ma troddx, jistudia chif iħaffef mixxoghol biex isibu klieħ, jistudia l'ilma, lis-sigiar, il ħxejjex, il mard taħħom, l'aria ta li stagiuni, iż-żrieħ, u mitt ħaġ'oħra; u taraħ uara ghaxar snin jarfa mix-xoghl jaghmel il contijet u iuelli lill ħattieħor.

Tasseu li il Bidui ta barra, specialment ta daun iż-żeuġ artijet li semmejna, hua mghejjun mill Gvern, imma, chif già ghidt "ghin ruħec biex Alla ighinec", u trid li jen nghinec. Jecc int, li hu interess tighec li tħabrec u ma tħabricx, trid u tistenna il ħadtieħor iħabrec ghalic? Jecc il Gvern (naħseb jen) jara li il bidui kieghed jisma il cliem, imma l'imsejchen ma jistax jagħamel ieħor, ghandu mnein ma l'euuel talba kasira jekaf chif ghandu jekaf, imma jecc jara l'ostinazioni x'ruħ tibka?

Ghal ghajnuna, infatti, narau minn dac li kraina f'giurnal, cioè li Ministru tal Gvern malair ta uiden ta dac li chiteb uieħed mill ħbieb taghna, C. Sant, duar iż-żamma tan-naħal u il ħaxix, saghtar, li ghandu x'jaksam mieghu. Il Ministru sama malajr u irid jaghmel ligi contra il kerda tas-saghtar, ecc. Taraux!

Collu ciajt, id-dinja tbiddlet (tempora mutantur) u ghalhecc hemm bżonn li nitbiddlu maħħa. Li chiecu m'ghandniex

immejlu rasna li in-Nitrat tas-Soda m'hux invenzioni ta demel scond iż-żmien u ghalhecc hu itjeb minn hafna trab mahmuġ, ankas ma ghandna immejlu rasna li tircheb carrozza-motor m'hux ahjar milli tircheb fuk gherk ta hmar, li tibghat ittra bil posta m'hux ahjar milli l'ittra tmur biha int, li tara bid-daul elettricu m'hux ahjar mill imżelleġ collu żejt mosbieh, li issajjar fuk spiritira "Primus" m'hux ahjar minn cheuur bil hatab collu duhhan! Mur l'America b'daun l'ideat kodma u tara chif ma tistax taghmilha jeu tghix f'dic l'art, u safrattant l'America hia dic l'art tal gid, u minn hemm nithajru immorru ingibu xi sold, cioè fein m'hemmx daun l'ideat kodma.

Intant, jecc nokoghdu nitchellmu fuk hecc, daks chemm ghandna x'nghidu, żgur li ma nispicciaux. Immela nitchellmu ftit xort'ohra.

In-nahha li minnha jibda jidher id-daul hia minn fein titla ix-xemx. Kieghed jidhirli li anche mill chittieba Maltin fuk huejjeġ ir-raba u dac li jati, bkajna ucol neksin. Nara, per eżempiu, li mill ismijet tal hxejjex bil malti bkajna lura. Quasi cull nazion ghandu l'ismijet collha bi lsienu ta cull haxixa li timbet fl'art tieghu; ahna il Maltin bkajna uisk dghajfin. Eżempiu:

Ahna ghandna ir-razza tal haxixa *Xahxiha-pepprina*. Hemm bosta ghamliet ta pepprin, u safrattant il daun collha inseihulhom b'isem uiehed, ta *Pepprin*. M'hux hecc hadtiehor; hadtiehor ghal cull uahda ghandu l'isem ghaliha, ghax il chittieba bicrin taghhom hasbu biex tauha l'isem bil mictub u din bakghet u il poplu tghallem.

Dauc li l'actar huma mehjela (tal hila) haun Malta fil gherf tal hxejjex, missom jinghakdu u imorru iduru isibu il cull haxixa ta bla isem bi lsien l'art u jatuha isem ragiunevoli tahha. Bhallichiecu hemm it-Tenghuta (Euphorbia). Minn din hemm xi 15 il varietà u il daun collha nseihulhom *Tenghut*! Uahda biss, li hi l'*Euphorbia Chamaesyee* li tajniha l'isem ta Gemmusa. Il bkija collha tenghut. Iva allura dauc l'imorru iduru il hxejjex biex jatu hom isem ġdid u ghakli isibu lit-tenghuta per esempiu Euphorbia peplis, Lin, u lil din isemmuha *Tenghuta hmajra*; *Tenghuta halib kattusi* lil E. Heliossespia; *Tenghuta xeuchija* lil E. Spinosa; *Tenghuta bahrija* lil E. paralios; *Tenghuta xaghmija* lil E. Aleppica; u hecc lil bkija. Hecc jaghmlu mal hxejjex collha li ghandhom iżjed minn varietà uahda bla isem malti, sachemm ma ihallux uahda.

Safein naf jen, barra li huma quasi maddinja collha: bil latin, l'Inglisi, il Francisi it-Taliani, il Grieghi, ecc. collha ghandhom l'isem ghal cull uahda bi lsienhom.

B'hecc insemmuhom collha li il kuddiem jindrau, il karrej (student) jitghallimhom, il bidui jibda jaghrafhom b'dac l'isem u jehiu maż-żmien. B'hecc ucoll tigi biex tfittex fuk ctieb tal gherf issib ghall liema haxixa icun kighed jitchellem l'autur u nghaddu pass il kuddiem bhal nazionijet ohra.

JUANN MAMO.

## EKRED DAUC L'INSETTI!

Fost l'insetti li imissu il prodotti, insibu uiehed li joctor malair uisk u jghamel hsara mill'icbar chemm fil gionna u chemm fir-raba. Dan hu dac li jitfaccia kiesu nemus zgheir li ahna inseihulu "*Afis*" igherbeb il uerak u ma ihallihomx javvanzau, u billi il uerak hu' il pulmun, il pianta li tcun, katt ma tista tigi il kuddiem. Il bdieua chienu sicuit jistaksu ghal medicina biex jekerduh, specialment il berghout li imiss il hmiemel u jekridhom.

Id-ditta Bugeja ta 25 Sda. Forni il Belt, hasbet ucoll ghal dan, u issa ordnat jinhadmu apposta ghaligha medicina ta l'icbar finizza, li barra milli tekred malair CULL XORTA TA INSETTI, fil stess hin permezz ta l'ahjar composizionijet li sabet ix-xienza dan l'ahhar hi ucoll thares il prodotti min mard jehor bhal moffa ecc.

Dan jinsab gahl beih fi flixchen comdi hafna u bi ftit soldi.

Ixtri uiehed u zommu lest ghax tigi bzonn zgur.

# MEHTIEG GHAL BDIEUA.

Gaudi il mutur tieghec, zommu f'condizioni taiba minghair ma icolloc bzonn tnaddfu billi tuza il Famus.

## "PETROLIU TA L'ASIATIC U BENZINA SHELL"

L'actar petroliu raffinat u speciali ghal muturi li hu uzat mill'akua motoristi tad-dinja. L'akua fabrichi ta barra jirricmandau dan il famus petroliu Asiatic u Benzina Shell (tal arzella).

UZA LILU U FADDAL IL FLUS!

Jimbieh cull'imchien f'Malta u Ghaudex fit-tankijet HOMOR U SOFOR tal ASIATIC PETROLEUM COY. LTD. (tal marca ARZELLA).

*Zomm dejjem id-dar u'r-razzett nadif u hares l'ghar mard* billi tuza

## SHELL-MORTOL

## CHIF TUZAH.

**DUBBIEN, NEMUS, ecc.**—Ghalak il bibien u it-tuieki collha u zomm il pompa ippuntata il barra minnec u ibda roxx. L'euuel is-sakaf u imbaghad il hajt minn fuk s'isfel. Uara li tcun raxxejt *Shell-Mortol* bizzejjed id-dubbien u l'insetti ghal-leuuel jibdeu jittajru l'haun u l'hemm, uara ftit tonkoshom il forza, jistordu, jakghu u imutu.

**BAKK U BRIGHED.**--Hott is-sodod, biccia, biccia. Ix-xkuk u it-tghatin ghandhom icunu imraxxrin tajjeb bill *Shell Mortol* u li strixxi, u il hadid tal ġnub ghandhom jigiu midluca b'dan il liquidu. L'insetti zghar imutu malajr u il cbar ma idumux hajjin actar minn sitt minuti.

**CAMLA U UIRDIEN**—Lbiesi, huejjeġ tal pil ecc. ghandec tfarfarhom, tnaddafhom u tiflihom ghal camla. Il pompa, zommha, xi nofs metru boghod mill'oggett, u ix-*Shell-Mortol* roxxu bili moghod. Il *Mortol* m'hux biss jekred il camla izda anchi il bajd tahha.

**IN-NEMEL ecc.**--Hemm bzonn illi troxx malajr u bil quantità, biex kabel ma daun l'insetti jiscartau icunu già hadu *Mortol* bizzejjed. Ghal dan ix-xoghol ahjar tcunu tnejn min-nies. Uiehed biex iroxx u l'ihor malajr ighezzez l'insetti flimchien biex ma ihallihomx jaharbu. Jahtieġ uisk illi jigiu imraxxa il lochi comdu, il pixxiatur, fejn jinzamm il bzar (zibel) ecc. chif ucoll mal ġnub collha tal canni tal ilma. Ghal bidu hemm bzonn li troxx culljum izda uara zmien icun bizzejjed jecc troxx darba fil gimgha.

**ID-DANNU TAL BIEDIA**--*Shell Mortol* hu mehtieġ uisk fl'agricoltura biex jiccubatti l'insetti danneggiusi; biex thares iz-zuiemel, bakar tal halib, animali li jinzammu ghas-simna u anchi tjur ghandec troxxihom il *Shell-Mortol* taht il pil jeu ir-rix tahhom, l'insetti f'dakka uahda jakghu minn fukhom u imutu. Cull carrettun tal bdieua dejjem ghandu icollu ix-*Shell-Mortol* u l'animal ghandu cull tant jigi imraxx. Daun ghandhom jigiu imraxxa m'ir-rashom sa dembhom *izda min icun kighed iroxxhom jittendi ghal ghajneihom.*

Unici Agent. f'Malta **Degiorgio & Azzopardi 225 Sda. Mercanti-Il Belt.**

Minghairi l'ebda mithna ma tahdem.
L'Armati m'huma xein minghairi.
Mil material tighei jintghamlu il culleg gi il carti u'l cotba.
Jena nghamel is-sahha u'l kauua tad-dinja.
Jen l'unicu sptar li nistma il culhatt li stess.
Minghairi il hajja tcun impossibili.
L'omm tiehu minnhi is-sustanza ghal ulieda.
U L'ahhar il meitin jigu jistriehu ghandi ghal dejjem.
Jen l'AGRICULTURA.

## IZ-ZBIB MINGHAIR ZERRIGHA.

—:o:—

GHAMLIET TAZ-ZBIB. Iz-zbib tad-dinja hua principalment ta gherba ghamliet (1) Zbib cbir, li isir principalment mill gheneb Muscatell ta l'Ixandra u hua generalment mgharuf bl'isem ta Muscatell jeu zbib ta Malaga; (2) Zbib mezzan, ta culur ciar u bla zerrigha, isir principalment mill gheneb Sultanina u mgharuf l'ictar bl'isem ta Zbib Sultana; (3) Zbib zgheir, culur scur u bla zerrigha isir l'ictar mill gheneb isued ta Corintu "Grecia", u mgharuf bl'isem ta passulina (4) Zbib ta daks, culur, u qualitajet varji, isir quasi min qualunque qualità ta gheneb u imsejjah taht l'isem generali ta Zbib. Hemm taksim cbir u tibdil ta daun l'ghamliet. Ahna seirin u thattu fuk it-tieni u it-tielet ghamla.

IL PRODUZIONI TAZ-ZBIB TAD-DINJA FL'1913.

| *Ghamliet Principali* | *Pajjisi* | *Tunnellati* |
|---|---|---|
| Muscatell u Sultana | California (America) | 65,000 |
| Passulina | Grecia | 180,000 |
| Sultana | It-Turchia | 23,000 |
| Muscatell | Spagna | 20,000 |
| Muscatell u Passulina | L'Australia | 14,000 |

*Qualitaijet.* Iz-żbib ta bla żerrigha isir min gherba qualità ta gheneb bla żerrigha: Sultanina, Sultana, Isued ta Corintu, u abjad ta Corintu. Hemm ucoll qualitaijet ohra ta gheneb bla zerrigha jeu quasi bla żerrigha li huma Sultanina Rosa, Sultanina il Cbira u Monukha Seuda u li huma icultivati bhala gheneb ghal mejda, u li jistghu ucoll isiru żbib bla żerrigha, imma daun ma icunu katt ahjar mill qualitaijet li gia semmejna.

Zbib bla żerrigha isir ucoll mill ghenba Muscatell ta l'Ixandra li ma tcunx imdaccra u tohroġ minghair żerrigha u li tigi mghażula mill ghenieked meta icunu kghed inaddfuhom u idaksuhom.

Il qualitaijet ta Gheneb bla żerrigha u l'usu li isir minnhom chif sejrin nghidu:—

| ISEM TAL GHENEB | UZU |
|---|---|
| Sultanina | Zbib Sultana li jinsab fil Cummerċ |
| Sultanina Rosa | Gheneb ghal meida |
| Sultanina Cbira | Iccultivata fil collezionijet tal gheneb, bhala cursità |
| Sultana | Qualità inferiuri taz-zbib Sultana tal Cummerċ |
| Isued ta Corintu | Passulina |
| Abjad ta Corintu | Passulina ta qualità inferiuri |
| Monukha isued | Gheneb ghal meida |
| Muscatell li ma icunx ha iddaccra | Muscatel bla zerrigha |

SULTANINA, mgharufa l'America bl'isem Thompson's jeu Thompson's Seedless, l'Inghilterra bl'isem Lady de Coverly, fit-Turchia u'l Palestina bl'ismijet Sultanieh u Kishmish tauuali. D'il qualità hia coltivata fil collezionijet tal gheneb jeu f'quantitajet zaghar bhala gheneb ghal meida fil pajisi tal Meditterran.

Hia mgharrufa uisk fil Vant, l'ictarnett fil bnadi shan tal Asia Minuri bhala gheneb ghaz-zbib. Tinsab imxerrda seuua fil Asia u in-nahha tal vant sal Persia u forsi izied il geuua. Minnha isir iz-zbib genuin Sultana ta Smirna. L'isem Sultanina li bieh hia mgharufa f'bosta pajisi, jeu Sultanieh, chif min xi dakkiet tigi mictuba, gej mill belt Sultanieh fil Persia.

Din id-dilia hia vigorusa hafna u fi

trab ghani tghamel zragen tual spiss 30 pied. Daun iz-zragen huma drabi dakxejn irkak u ftit u xejn ciatti ma duar pied hdein iz zocc principali, huma jittundiau u jehxienu fil biccia tan-nofs tahhm.

L'ghenieket huma cbar hafna ghamla ta lembut u generalment mimlija seuua. L'ghenba hia tauuallija, safra u zghaira u bla ebda zerrigha, m'ghanda ebda toghoma specciali li tinhass.

SULTANINA Rosa Imsieha ucoll Sultanina Rosea. Din m'hix hag'ohra hlief bidla tal culur tal qualità Sultana li fuk semmeina; ghara chemm hi hecc li takbel mahha f'collox barra mil culur tal frott. Hia mgharufa fil collezionijet tal gheneb tal Europa u giet imdahhla fl'Europa min xi parti tal "Anatolia" (Asia Minuri.)

Sar zbib minnha imma ta culur actar ciar min li isir mil qualità l'ohra. Bhala gheneb ghal meida hia sabieha uisk specialment mita tcun hadet il culur seuua ta "Rosa" sabieh.

SULTANA CBIRA. Xi drabi tinsab dilia tas-Sultanina taht forma uisk differenti mis-soltu, din tghamel l'ghenba tonda u quasi cbira daks tal muscatell. Iz-zocc iz-zragen, l'ghaksiet, il hliefa u'l uerak icunu cbar ucoll. Id-Iduieli li jigiu imlakkmin u'z zragen li jigiu imnisslin minnha izommu l'istess ghamla tahha. Dil ghamla ta dilia tista tcun gejja min tilkima li tohroġ scherz u turi daun il caratteri tal cobor li il Biologi iseihulhom "gigantesmu"

Jista icun li din l'ghamla ta dilia giaghlet lil xi hatt jahseb li hi Muscatell bla zerrigha, izda hi m'ghanda xejn mit-toghoma u mil ghamla tal Muscatell u biex tarau chemm hu hecc ghad li l'ghamla tahha hia particulari, hatt li hu imdorri kalb id-duieli ma jarafiex li hia forma tas-Sultanina.

Casi ta gigantesmu bhal dan jinsabu ucoll fid-duieli Muscatell ta l'Ixandra Flame Tokay u Zinfandel.

Sultana. Imsemmija fl'America Seedless Sultana u mill'Ampelografi Francisi imseiha Kishmish tond.

Din id-dilia giet imdahhla fl'Europa mit Turchia Asiatica. Bit-torc; qualunque gheneb jeu zbib bla zerrigha jgheidula Kishmish u hemm zeug qualitajet li huma mharufa, uahda b'gheneb tond li ahna ngheidula Sultana u l'ohra bl'ghenieb tauuali li hi il vera Sultanina.

Is Sultana tixbah lis-Sultanina ghal kauua tahha u l'aspett generali. Hia dakxejn inkas fastidiusa fit-trobbija tahha u dakxejn izied ghammiela.

L'ghienket huma cbar hafna, marsusa il parti tan-nofs ta l ghankut hia tuila u perfettament cilindrica fil uakt li il parti ta fuk hia uisgha hafna. L'ghenba hia izied uisa minn tuila u ciatta fit-tarf. It-toghma u ir-riha tahha tixbah is-Sultanina, imma izied karsa. Xi drabi issib xi zerrigha f'xi ghenba.

ISUED TA CORINTU. Mgharuf ucoll bl'isem "Passulina ta Zante". u fl'Italia iseihulu "Passerina nera".

Di'd-dilja hia ta kauua cbira u ticber hafna jecc uiehed jatigha loc. Taht xi condizionijet, mita uiehed ihalligha ticber hafna, bosta mill'gheneb tahha jehxien, u jghamel iz-zerrigha.

F'daun il casi ma icollu ebda valur bhala gheneb ghaz-zbib, min din il qualità ta gheneb issir dic li jgheidula passulina Griega jeu ta Zante.

L'ghenieket huma ta daks mezzan, marsusa, cilindrici u uesghain. L'ghemba hia zgheira hafna, seuda hamranija tonda u bla zerrigha; xi drabi tinsab xi ghemba bizzerrigha.

ABIAD TA CORINTU Fl'Italia iseihulu Passerina Bianca. Din tixbah lil qualita li semmeina l'ahhar f'bosta huejjeg. Izda tati prodott tajjeb izied facilment.

Din id-dilia kauuija daks Is-seuda ta Corintu, il uerak huma ta culur dakxejn izied ciar u'l frott abjad.

L'ghenieket huma ta daks mezzan, jeu dakxejn icbar mil qualita is-seuda u f'ghamla ta lembut. L'ghemba hia dakxejn icbar, ta cobor bejn l'ghemba Seuda ta Corintu u l'ghenba Sultana, tonda u dakxejn ciatta fit-tarf bhas-Sultana.

M'ghandiex it-toghoma u'l krusa ta qualita is-seuda. Mita tinxef issir passulina taiba imma m'hux daks il qualita is-seuda, u'l cobor tahha hua bejn dac tal passulina u'z-zbiba Sultana. Ghad li hia ta qualita taiba, fis-suk tinbieh bhala

*seconda qualità* ta Passulina jeu Sultana.

MONUKA SEUDA. Scond ma jghaħlu giet imdaħħla mill'India. Hia l'icbar fost l'gheneb collu bla zerrigha li semmeina, imma m'hux ghal collox bla zerrigha. Hia qualità taiba ħafna ghal meida imma tantè ghaddattata ghaz-zbib.

MUSCATELL BLA ZERRIGHA. Jinghat min zmien tuil li dilia tal l'gheneb Muscatell cbir bla zerrigha tinsab iccultivata fil-Chili. Jista icun li dina il qualità tesisti. L'ghenba bla zerrigha hia difettusa ghax ma tcunx sviluppat il parti fisologicament essenziali tal frotta, li hia iz-zerrigha u scond ma jidher dan id-difett ghandu x jaksam ucoll man-daks ta frotta.

Il Muscatell bla zerrigha hua gheneb li ma giex imdaccar seuua u f'certi stagiuni ħafna gheneb bla zerrigha jidher f'bosta ghenieket, imma hia hagia rari biex issib ghankud sħieħ minghair zerrigha. Din il condizioni imseiħa mil cultivaturi tal gheneb Francisi "Millerandage" u mill'Americani "Shot Grapes", tidher, min xi dakkiet fuk quasi il qualitaijet collha tal gheneb.

*L'art* Is-Sultana u is-Sultanina imħabba il kauua taħhom jatu prodott sabieħ fi trab ħafif imrammel, li fieħ, qualitaijet oħrajn ta gheneb ma jirnexxux. Izda is-Sultana u is-Sultanina jistghu jatu prodott icbar fi trab aħjar.

Id dilia Seuda ta Corintu t'addatta ruħħa ghall'istess trab bħas-Sultanina.

IT-TAHUIL L'aħjar risultat fit taħuil tad-duieli uieħed jista jeħdu billi ilesti l'art seuua u jaħdima tajjeb kabel ma isir it-taħuil. Id-duieli ta bla zerrigha iridu li l'art titlesta ghalihom hecc ucoll. L'Art ghanda tigi imnadfa mill ġebel, levellata seuua, l'actarnett imħabba it-tiskija, u cull ħaxixa ħazina bħal lublieb etc., ghanda tigi mekruda kabel it-taħuil.

Imħabba il filossèra l'aħiar tnissil hua permezz tat-tilkim fuk duieli Americani li jirresistu ghall attacchi tal filossera. Dal mod tat tnissil ikum ftit izied imma hu l'unicu mezz mgħaruf ta difisa contra it-terribili filossera. Dac li uieħed jonfok izied, biccia jitpatta billi id duieli imlakkmin fuk l'Americani jatu prodott izied bicri u forsi aħjar min dac li jatu meta jigiu cultivati fuk l'gheruk taħħom stess.

Biex tghamel raba duieli zeuġ ħuejjeġ ghandu uieħed jaħseb seħ: (1) Li spaziu li ghanda icolla cull dilia u (2) Chif idduieli ghandhom jigiu imkassma.

Id-duieli collha ta bla zerrigha jicbru b'kauua cbira u ghal daksecc ghandhom bzonn bosta spaziu. Jecc jitħaulu ma xulxin uisk, jatu l'euuel u't-tieni prodott m'hux ħazin imma uara il prodott jonkos u jirrendu uisk ftit. Li spaziu ghal cull dielia avaria min duar 70 pied quadru sa ma duar 130 pied quadru scond il qualità tad-duieli u ta l'art. Id-dilia Sultana tista tigi imħaula dakxejn izied vicin mid-duieli l'oħra minghair ma is-sofri ħsara. Fi trab fond ghani id-duieli jicbru uisk izied b'saħħithom u ghalhecc ghandhom icolħom izied uisgha. Fi trab imrammel, kasir u ghajjen, jistghu jitħaulu izied vicin.

Natu haun taħt it-taksim u id-distanzi riccmandati ghad-duieli ta bla zerrigha li semmeina: —

TAKSIM U DISTANZA GHAD-DUIELI BLA ZERRIGHA.

| | FI TRAB GHANI | | | FI TRAB GHAJJEN | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Qualità | Distanza piedi | Spaziu piedi quadrati | Duieli cull Tomna Raba | Distanza piedi | Spaziu piedi quadrati | Duieli cull Tomna Raba |
| Sultana | 14 × 6 | 84 | 144 | 12 × 6 | 72 | 168 |
| Sultanina | 14 × 8 | 112 | 124 | 12 × 6 | 72 | 168 |
| Ta Corintu | 16 × 8 | 128 | 96 | 12 × 6 | 72 | 168 |




## IL FAMUS DEMEL ARTIFICIALI

# NITRAT TAS-SODA

## TAL-CHILÌ

Jinxtara min ghand:

MALTA.

IL BELT.
G. M. BUGEJA & Co., 25, Sda. Forni,

SLIEMA.
MICHELE MIFSUD, 62, Sda. S. Vincenzo,
CARMELO VELLA, Vicolo Faunara

CASAL PAULA.
THE GENERAL BAZAAR, 17, Piazza Paula,

BORMLA.
P. MIZZI (AGIUS) & SON, 13. Sda. S. Margherita

GUDIA.
FEDELE SPITERI, 23, Sda. Reale

C. DINGLI.
A. ABELA, 19, Sda. Parrocchiale

MOSTA.
S. MIFSUD, 134, Via Congr. Eucaristico

C. CURMI.
GIUS. MUSCAT, 378, Sda. Reale

BIRCHIRCARA.
GIO BATTA SAMMUT, 115, Sda. Vallone

S. PAUL-IL-BAHAR.
GIOV. MUSCAT, 26, Sda. Reale

RABAT (MALTA)
FRANCESCO GRECH, 36, Sda. Vecchia Doni

GHAUDEX.

C. CACCIA.
F. MASINI, 88, Sda. Marsalforno,




**Nergiau ingharrfu li il Cumitat li johrog dan il periodicu mghandux x'jaksam ma'l beih tan-Nitrat tas-Soda, u dauc collha li ibeighu minnhu jista icollhom isimhom f'din il-lista B'XEJN.**

## IL FIURI.

### IL GIACINTI.

Il Cultivazioni tal Giacinti hia difficili f'Malta, u spiss ma tirnexxix. L'euuel bzonn hua li il Basal jgtamel biz zejjed gheruk kabel ma jidru il uerak, inchella il fiur jicber m'hux izied min ftit pulzieri u jitlef il gmiel tieghu collhu.

Biex tghein lil Basal jghamel l'gheruk il kasrija fejn jithauuel ghanda bzonn tigi 'imghaddsa ghal xi pied gib ramel nadif, u dar-ramel ghandu jigi imxarrab spiss biex il hamrija tal ksari ma tixxuttax Uara li il ksari icunu hilhom sitt gimghat fir-ramel ghandhom jitnehheu, u is sib li il uerak chiber xi tliet pulzieri u'l basla ghamlet hafna gheruk, mbghad ghandhom jitkghedu f'rocna xemxija u jigu 'mghottija b'kasrija ohra makluba ghal gimghatejn. B'dal mod iz-zocc tal fiur jghola biz-zejjed kabel ma jifforma il fiur *Koh-i-Moor* u *Isabella* huma l'ahjar varietà ta Giacinti doppi addattati ghal cultivaziòni fil ksari.

### NARCIS.

Il-lum-il-giurnata li hemm izied min 1,000 varietà ta Narcisi bi prezzijijet min 50 guinea sa ftit soldi, hù difficili ghad-delettant biex jghazel dauc li jirnexxu u li jista jixtrighom bi prezz moderat.

L'Ghazla li seirin insommu ut li hafna ghad-delettant:—

1. MAGNI CORONATI:—(a) *Safra:* Emperor, Golden Spur, Obvallaris (varietà bicrija hafna). P.R. Barr, u Ragilobus; (b). *B'giex culuri:* Empress, Horsfieldii, u Grandis, u Princeps (uiehed mill'orhos u l'ahjar fosthom); (c) *Bojjod:* Albicans (l'izied facili u l'ahjar ta dil'classi) Pallidus, Praecox (dakxejn difficili imma irhis u sabieh), William Goldring, u W.P. Milner; (d) Johnstoni: Queen of Spain.

2. MEDI-CORONATI:—(a) *Incomparabilis:* Frank Miles, Stella, Stella Suberba (forma uisk isbah min Stella); (b) *Barri.* Conspicuus (l'ahjar fost collha, sabieh, irhis u facili ghal cultivazioni), Flora Wilson u Mrs. C. Bowley: (c) *Leedsi:* Amabilis, Minnie Hume, Mrs. Langtry (l'ahjar ta di'l classi), u Princess of Wales.

3. PARVI-CORONATI: - (a). *Burbidgei,* Agnes Barr, Falstaff, John Bain; (b) *Poeticus·* Pheasant's Eye, Poeticus Ornatus Poeticus Poetarun (daun l'ahhar tnien huma uisk izied bicrin min Pheasant's Eye. (c) Narcissus bifiorus "Ibridu naturali bein N. Poeticus u N. Tazetta" (irhis hafna u sabieh).

### L'IRIS GIAPPONIS.

FIURDILIS

L'Isis Giapponis (Iris Kaempferi) hua uiehed mill'isbah fost in-numru cbir ta Iris li jesistu. Bosta delettanti li igibu dan l'Iris min barra ma irnexxilhomx ichollom il pianti bil fiur, ghax ma iccoltivauhomx chif imiss. L'Iris Giapponis jghaix f'pajjisu fl'ghadajjar u ghalhecc il pianta ta dan l'Iris ghanda tigi iccultivata fl'ilma. Mela il ksari fein il pianti ta l'Iris icunu imhaulin, hemm bzonn li jigu mghaddsin seuua fl'ilma li icun jider biss ix-xifer tal kasrija. Jecc il pianti ta da's-sabieh iris jigu iccultivati b'dal mod jghamlu fiuri fix-xahar ta Mejju

### GISIMIN TA L'EGITTU

*Jasminum sanbac var, trifoliatum,* haun Malta magharuf bl'isem ta Gisimin ta l'Egittu, hua l'isbah gisimin, jghamel fiuri

stradoppii, uisk spiss cbar daks tmintax irbighi. Il Pianta tingharaf mill varietà billi comuni *Jasminum sanbac* "Gisimin" tal cullani il uerak taħħa imkassam tlieta tlieta mazzocc u m'hux tnejn tnejn bhal varietà comuni. Imsemmi ta Egittu ghax jinsab uisk comuni f'dac il pajjis, izda, innumru cbir ta pianti li jinsabu il-lum fl'Egittu geü imnisslin min pianta uaħda iccoltivata fl'1878 f'Ghezireh Palace Gardens, il Cair. innha il giardinari chellhom ordni li jghamlu chemm jistghou b'cejjec u mita daun ghamlu l'gheruk, geu imkassmin ma l'Egittu collhu.

---

## HUEJJEG TA MIN JAFHOM

*Id dmuħ joktol il microbi*

Id-dmuħ istghou ifissru duejjak jeu suied-il-kalb, izda chemicalment huma meħtieġa.

Id-dmuħ hù mghamul min chimica imseiħa "lysozyme" li hi ectarx l izied kauuija biex tekred il microbi. Frederick Ridley tar-"Royal Society of Medicine" ta Londra, jesperimenta bid-dmuħ tal bniedem, sab li mimli cuċċiarina mil chimica pura li tinsab fieħ ghanda kauua antisettica izied min 100 gallun ta ilma mielaħ, ghal xi insetti (*bacteria*) ta l'ghaineju.

L-istess sustanza—jghid—tinsab ucoll fid-demm, u kgheda continuament tiggieled ma quantità ta insetti li jidħlu f'gisimna culjum. Jinghad li tista tcun hagia possibbili li uieħed jeħu mill'animali din il chimica hecc kauuija, li billi m'hix velenusa uiehed icun jista juzgha bhala antisetticu generali.

---

*Chif tnaddaf tastiera ta pianu.*

L'avoriu jeu composizioni li minnha mghamula it-tastiera tal pianuforti, mita tisfar tista titnaddaf b'din il manjera.

Fi tnax il-ukija ilma, ixħet *bil mod il mod* ukija acidu nitricu, (*l'acidu fl'ilma m'hux l'ilma fl-acidu*) Ghokod attent ma taklibx l'acidu fukec ghax jghamel ħsara lilec u jgherri il ħueijeg. Naddaf bi xcupilia zgheira l'avoriu b'din is soluzioni, u *tmisx l'injam*. Imbghad aħslu bi flanella nadifa imxarba fl'ilma. Il manku tal ghadam tas schicben jista jitnaddaf li stess.

---

*Chif jinħasel il ħarir,*

Il ħarir idum iservi scond ma tgharaf izzommu. Huejjeg u affarjiet oħra tal ħarir ghandhom jinhaslu f'ilma fitel (chemm chemm shun) mghandecx tghorku ħafna l'ankas tituieħ biex tghasru. Ghandu jitlaħlaħ ħafna f'ilma ta li stess temperatura li inħasel fieħ, u ghandec tixxuttaħ billi tghafsu dakxejn bejn zeug xugamani xotti. Katt tnixxef il ħarir fix-xemx.

---

## L Istitut Internazionali tal Agricoltura f'Ruma.

Gherba-u-ghoxrin sena hilu fl'1905 —S.M. ir-Re Vittorio-Emmanuele III ghal proponiment li chien ghamillu David Lubin invita lil gverni tad-dinia collha ghal Conferenza biex figha jarau chif jistghu jghamlu Istitut Internazionali tal Agricoltura. Din il-lakgha saret f'Ruma fit 28 ta Mejju 1905, u minnha irrisulta li b'Convenzioni Internazionali tas 7 ta Giunju ta li stess sena, gie imuakkaf dan l'importanti Istitut li fieħ jinsabu rappresentati quasi il pajjisi collha.

Ix-xoghol li jghamel dan l'istitut hu bil bosta importanti: Jigbor u jippublica minghair telf ta zmien cull statistica meħtiega ghall'Agricultura, chif ucoll mard tal ħxejjex, sigar u animali, u fejn hu possibbli anchi juri chif tilka jeu ticcura tali mard: Nieħdu uisk fit-tul chiecu infissru id-departimenti collha ta l'Istitut u'x-xoghol li jghamlu; izda biex naktau fil kasir nistghau nghaidu li l'Istitut

jghamel dac li hu possibbili ghall'avvanz ta l'Agricultura tad-dinja collha.

Fit-18 ta Lugliu ta din is sena li is-Sur Carm. Zammit Marmarà, Direttur ta dan il periodicu, ghamel visita lil dan l'Istitut Hu gie presentat min Dottor Achille Mango lil Comm. Professur Dottor Trinchieri li hu incarigat mis sezioni tal Mard tal prodotti. Il Professur Trinchieri dauuar lis-Sur Zammit Marmarà u bl'icbar cortesia tah l'informazioni collha li ztak, u introducieh lil membri l'ohra ta li stitut li chienu presenti dic inhar.

Fil conversazioni li saret uara, i propioneu illi dan il periodicu ghandu jigi mibghout biex jitkieghed fil-libreria ta l'Istitut ma giurnali agricoli importanti ta pajjisi ohra.

Barra min dan li ghedna, il Comm. Professur Dottor Trinchieri is-sugerixxa li Malta, bhala pajis autonomu u fli stess hin agricolu' chien imissa tcun officialment rappresentata f'dac l'Istitut. Hagia li chienet tcun ta ġid cbir ghal Malta. Li spisa hi zgheira ferm, u biex is-sib rappresentant hi hagia facilissima li ahna izda, mar-ridux nidhlu fil meritu tahha; biss nisperau li il gvern jehu passi biex jara li anchi Malta tcun rappresentata; u hecc f'kasir zmien icolna il piacir li narau il Bandiera taghna titla ma dauc ta potenzi ohra ma duar l'Istitut.

## TAHDIDA

Bejn Bidui u uiehed li jifhem.

—Nismahhom isemmu id demel artificiali Nitrat tas-Soda u jgheidulna dejjem biex nuzauh u jghairuna injuranti ghax ma nuzauhx! Jena bidui li naf l'affari tieghei! Demel nati bizzejjed u jidirli li jech nixtri in Nitrat tas-Soda ma incunx nghamel hag'ohra hlief narmi il flus!

- Kghed tisbaglia. Anzi chiecu cont bidui li taf tghamel l'affari tighec dan ma contx tgheidu. Ahra ngheidu li il bidui injurant m'hux ghax ma juzax in-Nitrat tas-Soda, imma ghax ma jifhimx u, ictar ghar, ma iridx jifhem li dan in-Nitrat tas-Soda hu assolutament mehtieġ Inti ghedt li demel tati bizzejjed haun fersi ghandec ragun; imma tati bizzeijed *fil quantità* li jidher f'ghajneich u m'hux fis-sustanzi li ghandhom bzonn l'ghelejjel u siġar tal frott. Illum li id-dinja ticconsma ictar min tliet-miljun tunnella Nitrat tas-Soda fissena. Culhatt jaf li tati chemm tati demel naturali icun hemm bzonn dejjem in-Nitrat tas-Soda, ghaliex dan jati, appuntu, dac li niekes fid-demel naturali.

—Collox seu, haun fimtec. Imma jen jidirli li ma nistax nonfok ucoll flus fin-Nitrat tas-Soda, inti taf din l'epoca chemm ahna batuti il bdieua.

—Iva, seuua uisk. Izda inti m'ghandecx tgheid ma nistax nonfok! Ghaliex realment inti ma tcun tonfok xejn! Inti, mita tati id-demel artificiali, *tcun kiesech kghed tkieghed flusec f'bank li jati is-60 fil mija imghax*!! Dan infissirulech f'chelmtejn. L'akua xienzati u nies tarraba illum jafu tajjeb illi in-Nitrat tas-Soda icattar il prodott min 25 sa 60 fil mija u bosta drabi anchi izjed! Dan ifisser li fejn soltu tiehu 100 ratal, jecc tuza in-Nitrat tas-Soda tiehu 160. Issa ghandec iggib kuddiem ghajneich li barra milli tiehu 60 fil mija izied permezz tan-Nitrat tas Soda, inti icolloc prodott li jirresisti izied il mard. Icolloc prodott ictar bicri u isbah u itjeb. Barra min dan ghandec ucoll tiftacar li dauc is-60 fil mija izjed li tiehu, *la thallas kbiela tahhom u inkas xoghol* Inti sempliciment tati in-Nitrat tas-Soda u tiehu prodott icbar. Li spejjes icunu biss fin-Nitrat li tcun xtrait, ghax il bkija tiehu prodott cbir u tiehdu zgheir, il kblela trid thallashom xorta uahda, u xorta uahda trid tghamel ix-xoghol li jinhtieġ. Isma minnhi mela. Akbad uza mill'ictar fis in-Nitrat tas Soda tal Chili u taccetta l'ebda demel artificiali jehor li jgheidulec li hu tajjeb daks in-Nitrat tas Soda. In-Nitrat tas-Soda hu dac li jonksoc biex tibda tiehu prodotti chif imiss u biex imbghad bir-ragiun collhu icolloc dritt tgheid li inti bidui li taf tghamel l'affarijet tieghech!

# The Aermotor Co., Chicago.

## Imtiehen tar-rieh Americani li itellghu l'ilma.

## Maghmula appositament ghall Bdieua



Daun l'imtiehen huma mehtiega uisk. Ghandhom forza itellghu l'Ima minn qualunque fond. Jiffrancau hafna xoghol tbatija u spejjes lill Bidui u izommulhu ir-raba imsokki u imxabba bl'ilma. Daun jahdmu bir-rieh u ma fihom ebda spejjes. Mghamulin minn hadid iggalvanizzat u ghalecc m'hemm ebda dubju li isaddu.

Cull fejn tara uahda minnhom ghandech ucoll tara ir-raba jghaxxkech bill gmiel u il hdura.

Ma cull mithna tigi motigha b'xejn landa zejt li isservi ghall sena ghall l'istess mithna. Il mithna m'hemmx bzonn tatiha iz-zejt int cull jum ; izda ghatiha il-landa zejt collha u ma tul is-sena collha il mithna tiehu iz-zejt uehcda.

Il Bidu: li jixtri uahda minn daun l'imtiehen fuk imsemmja sgur li ma jibdhielux.

**Ghall xi informazionijet ohra morru ghand**

**l'Agent GIOV. MUSCAT,**

**Strada S. Ursola, 213, il Belt**

## LI TCUN TAF TBIXX M'HUX BIZZEJJED JINHTIGLEC POMPA TAJBA.

### TIXTRIHA DARBA F'HAJTEC!



Il bexx ghal marda tal patata, ghall'insetti tal ghelejjel, chif ucol ghad-duieliu sigar tal frott, il bdieua collha jafu bizzejjed chemm hu meħtieg, izda li tonfok il flus u dbixx b'pompa li m'hix maghmula chif titlob ix-xienza, hi ghar milli uieħed ma ibixx xejn!




Jecc tixtri ħobza, inti tfittex dejjem qualità tajba u tokghod attent mnejn tixtriha fil uakt li pompa tal bexx li tisua uisk izied tixtriha chif gie gie.

Li tixtri pompa irħisa, tfisser li tixtriha ghalia *u li kieghed tarmi flusec! Uara ftit zmien int issib li ghandec bzonn pompa oħra.* Cun bil ghakal mela u itlob biss il pompi tal bexx **"IRON ARM"** li huma mghamula min Inginieri u fabbrichi Inglisi mgharufa mad-dinja collha. Ghalchemm ftit ghola min pompi oħra, huma uisk aħjar u maghmula mill'aħjar ram. Tixtri uaħda darba biss u tibka tbierec il flus li infakt fiha **"IRON ARM"** huma l'akua pompi, huma **ibixxu l'ghamla ta bexx li trid int,** fin daks ghabra oħxon, mifrux, dritt; minghair ma hemm bzonn li tbiddel xejn. Invenzioni sabieħa li *ħatt ma jista jaghamel bħala.*



Bħal ma tara mil li stampi haunecc, hemm ħafna ghamliet, xi uaħda minnhom tghodd ghalic. Acquistgha malair, u zomm il prodott tighec b'saħtu.

**Daun il pompi jinsabu ghal beih ghand:**

**G. M. BUGEJA & Co.**

**25, STRADA FORNI, IL BELT. (MALTA)**

**F. MASINI, 88, SDA. MALSALFORNO, CASAL CACCIA (GHAUDEX)**